KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
CAMPOS SÁNCHEZ-BORDONA
ippreżentati fl-20 ta' Mejju 2021 [1]

Kawża C-724/19

Spetsializirana prokuratura
vs
HP

(Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-iSpetsializiran nakazatelen sad (il-Qorti Kriminali Speċjalizzata, il-Bulgarija))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali — Ordni ta' investigazzjoni Ewropea — Direttiva 2014/41/UE — Artikolu 2(c) — Awtorità emittenti — Artikolu 6(2) — Kundizzjonijiet ta' ħruġ — Prosekutur li jaġixxi bħala awtorità ġudizzjarja emittenti — Ħruġ riżervat lil imħallef każ ta' proċedura nazzjonali simili"

1. L-Uffiċċju tal-Prosekutur ta' Stat Membru huwa kompetenti sabiex joħroġ ordni ta' investigazzjoni Ewropea f'materji kriminali (iktar 'il quddiem l-"OEI") li fiha huwa jitlob id-data dwar it-traffiku u dwar il-lokalizzazzjoni ta' komunikazzjonijiet elettroniċi meta, skont id-dritt intern tal-Istat emittenti, il-produzzjoni ta' din il-prova tista' tiġi awtorizzata biss minn imħallef jew qorti?

2. Dan huwa, essenzjalment, id-dubju li jqajjem dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari. Il-Qorti tal-Ġustizzja, meta tiddeċiedi dwarha, għandha l-opportunità li telabora fil-ġurisprudenza tagħha dwar il-kunċett ta' "awtorità emittenti" ta' OEI, fis-sens tad-Direttiva 2014/41/UE [2], b'riferiment għall-Uffiċċju tal-Prosekutur.

I. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni. Id-Direttiva 2014/41

3. Skont il-premessa 30, "il-possibbiltajiet ta' kooperazzjoni taħt din id-Direttiva dwar l-interċettazzjoni ta' telekomunikazzjonijiet ma għandhomx ikunu limitati għall-kontenut tat-telekomunikazzjoni, iżda jistgħu jkopru wkoll id-data ta' traffiku u post assoċjata ma' dawn it-telekomunikazzjonijiet, li tippermetti lill-awtoritajiet li joħorġu OIE għall-finijiet li jiksbu data inqas intrużiva dwar telekomunikazzjonijiet. OIE li jinħareġ biex tinkiseb data storika ta' traffiku

[1] Lingwa oriġinali: l-Ispanjol.

[2] Id-Direttiva 2014/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropew f'materji kriminali (ĠU 2014, L 130, p. 1).

u post relatata ma' telekomunikazzjonijiet għandu jiġi ttrattat skont is-sistema ġenerali applikabbli għal-eżekuzzjoni tal-OIE u jista' jkun ikkunsidrat, skont it-termini tal-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni, bħala miżura investigattiva koerċitiva".

4. Skont il-premessa 32, "[f]'OIE li jinkludi talba għall-interċettazzjoni ta' telekomunikazzjonijiet, l-awtorità emittenti għandha tipprovdi lill-awtorità ta' eżekuzzjoni informazzjoni suffiċjenti bħal dettalji tal-għemil kriminali taħt investigazzjoni, sabiex tippermetti lill-awtorità ta' eżekuzzjoni tivvaluta jekk dik il-miżura investigattiva tkunx awtorizzata f'każ domestiku simili".

5. L-Artikolu 1 ("L-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropew u l-obbligu li jiġi eżegwit") jipprovdi:

"1. L-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropew (OIE) huwa deċiżjoni ġudizzjarja maħruġa jew validata minn awtorità ġudizzjarja ta' Stat Membru ('l-Istat emittenti') sabiex waħda jew aktar miżuri investigattivi speċifiċi jiġu eżegwiti fi Stat Membru ieħor ('l-Istat ta' eżekuzzjoni') bil-ħsieb li jinkisbu provi f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva.

L-OIE jista' jinħareġ ukoll biex jinkisbu provi li jkunu diġà fil-pussess tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jeżegwixxu kwalunkwe OIE abbażi tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku u f'konformità ma' din id-Direttiva.

3. Il-ħruġ ta' OIE jista' jintalab minn persuna suspettata jew akkużata, jew minn avukat f'isimha, fi ħdan il-qafas tad-drittijiet ta' difiża applikabbli f'konformità mal-proċedura kriminali nazzjonali.

4. Din id-Direttiva m'għandhiex ikollha l-effett li timmodifika l-obbligu tar-rispett għad-drittijiet fundamentali ul-prinċipji legali kif sanċiti fl-Artikolu 6 tat-TUE, inklużi d-drittijiet ta' difiża ta' persuni suġġetti għal proċedimenti kriminali, u kwalunkwe obbligu li jaqa' fuq l-awtoritajiet ġudizzjarji f'dan ir-rigward ma għandux jiġi affettwat."

6. L-Artikolu 2 ("Definizzjonijiet") jipprovdi li:

"Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

[…]

(c) 'awtorità emittenti' tfisser:

(i) imħallef, qorti, imħallef inkwirenti jew prosekutur pubbliku kompetenti fil-każ ikkonċernat; jew

(ii) kwalunkwe awtorità kompetenti oħra kif definita mill-Istat emittenti li, fil-każ speċifiku, qed taġixxi fil-kapaċità tagħha bħala awtorità ta' investigazzjoni fi proċedimenti kriminali b'kompetenza li tordna l-ġbir ta' provi f'konformità mal-liġi nazzjonali. Barra minn hekk, qabel ma jintbagħat lill-awtorità ta' eżekuzzjoni, l-OIE għandu jiġi vvalidat, wara eżami tal-konformità tiegħu mal-kondizzjonijiet għall-ħruġ ta' OIE taħt din id-Direttiva, partikolarment il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 6(1), minn imħallef, qorti, imħallef inkwirenti jew prosekutur pubbliku fl-Istat emittenti. Fejn l-OIE jkun ġie validat minn awtorità ġudizzjarja, dik l-awtorità tista' titqies ukoll bħala awtorità emittenti għall-finijiet ta' trażmissjoni tal-OIE;

[…]”.

7. L-Artikolu 6 (“Kondizzjonijiet għall-emissjoni u t-trażmissjoni ta’ OIE”) jipprovdi:

“1. L-awtorità emittenti tista’ toħroġ OIE biss fejn tkun sodisfatta li ġew sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-emissjoni tal-OIE tkun meħtieġa u proporzjonata għall-fini tal-proċedimenti msemmija fl-Artikolu 4 b’kont meħud tad-drittijiet tal-persuna suspettata jew akkużata; u

(b) il-miżura jew miżuri investigattivi indikati fl-OIE setgħu ġew ordnati taħt l-istess kondizzjonijiet f’każ domestiku simili.

2. Il-kondizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu vvalutati mill-awtorità emittenti f’kull każ.

3. Fejn l-awtorità ta’ eżekuzzjoni jkollha raġuni għalxiex temmen li l-kondizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ma ġewx sodisfatti, hija tista’ tikkonsulta lill-awtorità emittenti dwar l-importanza li l-OIE jiġi eżegwit. Wara dik il-konsultazzjoni, l-awtorità emittenti tista’ tiddeċiedi li tirtira l-OIE.”

8. Skont l-Artikolu 9 (“Rikonoxximent u eżekuzzjoni”):

“1. L-awtorità ta’ eżekuzzjoni għandha tirrikonoxxi OIE, mibgħut f’konformità ma’ din id-Direttiva, mingħajr il-ħtieġa ta’ kwalunkwe formalità ulterjuri, u tiżgura l-eżekuzzjoni tiegħu bl-istess mod u taħt l-istess modalitajiet bħallikieku l-miżura investigattiva konċernata ġiet ordnata minn awtorità tal-Istat ta’ eżekuzzjoni, sakemm dik l-awtorità ma tiddeċidix li tinvoka waħda mir-raġunijiet sabiex ma jingħatax ir-rikonoxximent jew ma ssirx l-eżekuzzjoni jew waħda mir-raġunijiet għal posponiment previsti f’din id-Direttiva.

2. L-awtorità ta’ eżekuzzjoni għandha tikkonforma mal-formalitajiet u l-proċeduri espressament indikati mill-awtorità emittenti sakemm ma jkunx previst mod ieħor f’din id-Direttiva u sakemm dawn il-formalitajiet u proċeduri ma jmorrux kontra l-prinċipji fundamentali ta’ dritt tal-Istat ta’ eżekuzzjoni.

3. Fejn awtorità ta’ eżekuzzjoni tirċievi OIE li ma jkunx inħareġ minn awtorità emittenti kif speċifikat fl-Artikolu 2(c), l-awtorità ta’ eżekuzzjoni għandha tibgħat lura l-OIE lill-Istat emittenti.

[…]”

B. Id-dritt nazzjonali

1. Zakon za evropeyskata zapoved za razsledvane (il-Liġi dwar l-Ordni ta’ Investigazzjoni Ewropew; iktar ’il quddiem iz-“ZEZR”)

9. L-Artikolu 5(1) jipprevedi li l-awtorità kompetenti sabiex toħroġ OEI hija l-prosekutur, matul il-fażi preliminari tal-proċedura kriminali, jew il-qorti kompetenti, fil-proċedura ġudizzjarja nnifisha.

2. Nakazatelno protsesualen kodeks (il-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali; iktar 'il quddiem in-"NPK")

10. L-Artikolu 159a, intitolat "Komunikazzjoni ta' data minn impriżi li jipprovdu networks pubbliċi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi", jipprevedi:

"(1) Fuq talba tal-qorti fil-proċedura ġudizzjarja, jew abbażi ta' digriet motivat ta' mħallef ta' qorti tal-ewwel istanza adottat fil-fażi preliminari tal-proċedura kriminali fuq talba tal-prosekutur inkarigat mill-investigazzjoni, l-impriżi li jipprovdu networks pubbliċi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi għandhom jikkomunikaw id-data miġbura fil-kuntest tal-attività neċessarja tagħhom sabiex:

1. Jittraċċaw u jidentifikaw is-sors tal-konnessjoni.

2. Jidentifikaw id-direzzjoni tal-konnessjoni.

3. Jidentifikaw id-data, il-ħin u t-tul tal-konnessjoni.

4. Jidentifikaw it-tip ta' konnessjoni.

5. Jidentifikaw it-terminal ta' komunikazzjoni elettronika tal-utent jew tat-tagħmir li huwa indikat bħala tali.

6. Jiddeterminaw id-denominazzjoni taċ-ċelloli użati.

(2) Id-data msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinġabar jekk dan ikun meħtieġ għall-investigazzjoni ta' reati gravi mwettqa b'*dolo*.

(3) It-talba mressqa mill-prosekutur skont il-paragrafu 1 għandha tkun motivata u għandha tinkludi l-elementi li ġejjin:

1. Informazzjoni dwar ir-reat li għalih l-investigazzjoni teħtieġ l-użu ta' data dwar it-traffiku.

2. Deskrizzjoni tal-fatti li fuqhom hija bbażata t-talba.

3. Informazzjoni dwar il-persuni li għalihom id-data dwar it-traffiku tkun meħtieġa.

4. Il-perijodu ta' żmien li għalih għandha tirreferi l-informazzjoni.

5. L-awtorità investigattiva li lilha għandha tintbagħat id-data.

(4) Fid-digriet adottat skont il-paragrafu 1, il-qorti għandha tindika:

1. Id-data li huwa mitlub l-iżvelar tagħha.

2. Il-perijodu ta' żmien li għalih għandu jirreferi l-iżvelar.

3. L-awtorità investigattiva li lilha għandha tintbagħat id-data.

(5) Il-perijodu ta' żmien li għalih l-iżvelar u t-trażmissjoni tad-data huma mitluba skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 ma jistax jeċċedi sitt xhur.

[…]"

II. Fatti, proċedura nazzjonali u domanda preliminari

11. Wara l-bidu ta' proċeduri kriminali fil-Bulgarija kontra HP għall-finanzjament ta' attivitajiet terroristiċi, l-Uffiċċju tal-Prosekutur bagħat erba' OEI, b'kontenut identiku, għall-kisba ta' data dwar it-traffiku u l-lokalizzazzjoni ta' komunikazzjonijiet elettroniċi [3].

12. L-erba' OEI nħarġu mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Bulgaru, mingħajr intervent jew validazzjoni ta' mħallef jew qorti, u ntbagħtu lill-awtoritajiet korrispondenti fil-Ġermanja, fl-Awstrija, fil-Belġju u fl-Isvezja.

13. L-Uffiċċji tal-Prosekutur tal-Istati Membri destinatarji tal-OEI eżegwixxew dawn l-ordnijiet, ħlief fil-każ tal-Belġju, mingħajr ma kien hemm awtorizzazzjoni jew validazzjoni ta' mħallef jew ta' qorti.

14. Fuq il-bażi tal-provi meħuda, inkluża l-informazzjoni pprovduta bi tweġiba għall-OEI, HP u ħames persuni oħra ġew akkużati li ffinanzjaw atti terroristiċi u li pparteċipaw f'organizzazzjoni kriminali għall-finanzjament ta' dawn l-atti.

15. L-iSpetsializiran nakazatelen sad (il-Qorti Kriminali Speċjalizzata, il-Bulgarija), imsejħa sabiex teżamina l-provi miksuba abbażi tal-OEI, tiddubita l-legalità tagħhom, peress li, skont id-dritt nazzjonali, dawn il-provi setgħu jinkisbu fil-Bulgarija biss wara awtorizzazzjoni ġudizzjarja.

16. Abbażi ta' dan, tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja dawn id-domandi preliminari:

"1) Leġiżlazzjoni nazzjonali […] li tidentifika lill-prosekutur bħala l-awtorità kompetenti, fil-kuntest tal-fażi preliminari tal-proċedura kriminali, sabiex toħroġ talba għal investigazzjoni Ewropea li tikkonċerna t-trażmissjoni ta' data dwar it-traffiku u dwar il-lokalizzazzjoni relatata ma' telekomunikazzjonijiet, hija konformi mal-Artikolu 2(c)(i) tad-Direttiva 2014/41/UE, u mal-prinċipju ta' ekwivalenza, sa fejn, fl-istess sitwazzjoni fil-kuntest nazzjonali, l-awtorità kompetenti hija mħallef?

2) Ir-rikonoxximent ta' din [l-OEI] mill-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni (prosekutur jew imħallef istruttorju) jista' jissostitwixxi d-digriet ta' mħallef li jeżiġi d-dritt tal-Istat emittenti?"

III. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

17. Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari ġie rreġistrat fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-1 ta' Ottubru 2019.

18. HP, il-Gvern Ġermaniż u dak Ungeriż, kif ukoll il-Kummissjoni ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub.

[3] Il-qorti tar-rinviju tippreċiża li din kienet data dwar it-traffiku u l-lokalizzazzjoni, mitluba skont "il-premessa 30 tad-Direttiva 2014/41 (...) u l-Artikolu 159(1) tan-NPK".

19. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, minflok is-seduta, il-partijiet u l-intervenjenti fil-proċedura għandhom jinstemgħu fuq l-eventwali inċidenza fil-kawża tas-sentenzi tat-8 ta' Diċembru 2020 [4] u tat-2 ta' Marzu 2021 [5].

20. Fuq indikazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, dawn il-konklużjonijiet ser jirrigwardaw biss l-ewwel domanda preliminari.

IV. L-argumenti tal-partijiet

21. HP isostni li l-punt 1 tal-Artikolu 5(1) taz-ZEZR ma huwiex konformi mal-Artikolu 2(c) tad-Direttiva 2014/41, peress li din tal-aħħar ma tippermettix li tiġi eskluża l-kompetenza tal-imħallef fil-każ li jiġu ordnati atti bħal dawk imsemmija fid-deċiżjoni tar-rinviju. Hija tfakkar, barra minn hekk, li fil-leġiżlazzjoni Bulgara, dawn l-atti għandhom jiġu adottati mill-qorti kompetenti. Għalhekk, skont din il-leġiżlazzjoni, huwa illegali l-mod kif l-informazzjoni dwar id-data tat-traffiku nkisbet fil-kuntest tal-proċedura fil-kawża prinċipali.

22. Għall-Gvern Ġermaniż, ir-risposta għad-domanda magħmula ma tinsabx fl-Artikolu 2(c) tad-Direttiva 2014/41, iżda fl-Artikolu 6(1)(b) tagħha. Irrispettivament minn jekk l-Artikolu 2(c) jawtorizzax separazzjoni bejn il-kompetenza biex tiġi ordnata miżura investigattiva speċifika, minn naħa, u l-kompetenza għall-ħruġ ta' OEI, min-naħa l-oħra, huwa ċert li l-Artikolu 6(1)(b) jipprekludi li t-talba għal miżura investigattiva transkonfinali tista' tiġi suġġetta għal kundizzjonijiet inqas stretti minn dawk applikabbli, skont id-dritt nazzjonali, għal proċedura interna simili.

23. Skont il-Gvern Ġermaniż, jekk id-dritt intern tal-Istat Membru emittenti jeżiġi l-approvazzjoni minn imħallef ta' ċerti miżuri investigattivi, din il-kundizzjoni għandha tapplika wkoll meta tali miżuri għandhom jiġu implimentati fi Stat Membru ieħor.

24. Skont il-Gvern Ungeriż, ir-risposta għall-ewwel domanda preliminari hija marbuta mal-osservazzjoni tal-kundizzjonijiet ta' ħruġ stabbiliti fl-Artikolu 6(1)(b) tad-Direttiva 2014/41. Fil-fehma tiegħu, ir-rikonoxximent reċiproku li fuqu hija bbażata l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali jippresupponi li d-deċiżjoni tal-Istat Membru emittenti ġiet adottata minn qorti jew awtorità kompetenti materjalment u territorjalment.

25. Il-Gvern Ungeriż minn din il-premessa jiddeduċi li, fil-kuntest tad-Direttiva 2014/41, waħda mill-kundizzjonijiet ta' ħruġ ta' OEI hija li l-miżura li fuqha hija s-suġġett ta' din l-ordni ġiet ivverifikata mill-awtorità li hija kompetenti sabiex tadottaha fil-livell nazzjonali. Jekk dan ma jkunx il-każ, il-garanziji mitluba għall-miżuri investigattivi li għandhom jitwettqu fi Stat Membru ieħor ikunu inqas minn dawk previsti għal miżuri simili intiżi li jiġu implimentati fl-Istat emittenti.

26. Il-Kummissjoni tqis li d-dubji tal-qorti tar-rinviju jikkonċernaw żewġ aspetti distinti: l-awtorità kompetenti sabiex toħroġ OEI (Artikolu 2(c), tad-Direttiva 2014/41), minn naħa, u l-kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' din tal-aħħar (Artikolu 6 tal-imsemmija direttiva), min-naħa l-oħra.

[4] Staatsanwaltschaft Wien (deċiżjonijiet ta' trasferiment iffalsifikati) (C-584/19, EU:C:2020:1002).

[5] Prokuratuur (Kundizzjonijiet ta' aċċess għad-data dwar il-komunikazzjonijiet elettroniċi) (C-746/18, EU:C:2021:152; iktar 'il quddiem is-"sentenza Prokuratuur").

27. Hija tenfasizza li r-rekwiżit tal-kompetenza "fil-każ ikkonċernat" (Artikolu 2(c) tad-Direttiva 2014/41) jimplika li l-awtorità emittenti għandha rwol istituzzjonali fil-proċeduri kriminali ta' oriġini. Madankollu, id-dritt tal-Unjoni ma jippreċiżax jekk din l-awtorità għandhiex tkun kompletament responsabbli mill-proċedura jew jekk l-involviment tagħha għandux jirrigwarda biss il-miżura ta' investigazzjoni konkretament: id-Direttiva 2014/41 tħalli lill-Istati Membri l-flessibbiltà f'dan ir-rigward.

28. Għalhekk, fil-fehma tal-Kummissjoni, ir-risposta għad-domanda magħmula tinsab fl-Artikolu 6(1)(b) tad-Direttiva 2014/41. Skont dan, jekk il-miżura titlob, fuq livell nazzjonali, l-intervent ta' qorti (bħalma huwa l-każ fil-Bulgarija), l-eżekuzzjoni tagħha fi Stat Membru ieħor permezz ta' OEI teħtieġ li l-ħruġ ta' din l-OIE jkun irriżervat ukoll għal qorti.

V. Analiżi

A. Kunsiderazzjonijiet preliminari

29. Il-Qorti tal-Ġustizzja reċentement tat żewġ sentenzi (dik tat-8 ta' Diċembru 2020[6] u s-sentenza Prokuratuur) dwar ir-riperkussjonijiet li fir-rigward tagħhom instemgħu l-partijiet u dawk li intervjenew fl-inċident preliminari.

30. Anki jekk id-domandi tal-qorti f'dan ir-rinviju ma jikkonċernawx, direttament, dak li kien is-suġġett tad-dibattitu f'dawn iż-żewġ sentenzi, xejn ma jipprekludi lill-Qorti tal-Ġustizzja milli tipprovdi lil din il-qorti indikazzjonijiet, ibbażati fuq il-proċess u fl-osservazzjonijiet ippreżentati, dwar punti mhux ittrattati fir-rinviju għal deċiżjoni preliminari, jekk hija tqis li dan ikun rilevanti sabiex ittejjeb il-kollaborazzjoni tagħha magħha.

31. Is-sentenza tat-8 ta' Diċembru 2020 neħħiet id-dubji dwar il-kwalifika tal-Uffiċċju tal-Prosekutur sabiex joħroġ OEI anki jekk huwa ma jgawdix minn *status* ta' indipendenza sħiħa mill-poter eżekuttiv[7].

32. Għalhekk, tkun xi tkun il-pożizzjoni istituzzjonali tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Bulgaru fid-dritt intern, il-leġittimità tiegħu, f'termini ġenerali, li joħroġ OEI ma ssibx ostakolu fid-Direttiva 2014/41.

33. Is-sentenza Prokuratuur, għalkemm ma tikkonċernax direttament OEI, iżda miżura ta' investigazzjoni purament nazzjonali mingħajr dimensjoni transkonfinali (li permezz tagħha l-Uffiċċju tal-Prosekutur ta' Stat Membru ddeċieda li jiġbor id-data dwar it-traffiku u l-lokalizzazzjoni marbuta ma' ċerti komunikazzjonijiet elettroniċi), hija iktar u iktar rilevanti f'dan il-każ.

6 Staatsanwaltschaft Wien (ordnijiet ta' trasferiment iffalsifikati) (C-584/19, EU:C:2020:1002).

7 Staatsanwaltschaft Wien (ordnijiet ta' trasferiment iffalsifikati) (C-584/19, EU:C:2020:1002), punti 75 u d-dispożittiv: "L-Artikolu 1(1) u l-Artikolu 2(c) tad-Direttiva 2014/41 għandhom jiġu interpretati fis-sens li jaqgħu taħt il-kunċetti ta' "awtorità ġudizzjarja" u ta' "awtorità emittenti", fis-sens ta' dawn id-dispożizzjonijiet, il-prosekutur ta' Stat Membru jew, b'mod iktar ġenerali, l-Uffiċċju tal-Prosekutur ta' Stat Membru, indipendentement mir-relazzjoni ta' subordinazzjoni legali li tista' teżisti bejn dan il-prosekutur jew dan l-Uffiċċju tal-Prosekutur u l-poter eżekuttiv ta' dan l-Istat Membru, u mill-espożizzjoni tal-imsemmi prosekutur jew tal-imsemmi Uffiċċju tal-Prosekutur għar-riskju li jiġu suġġetti, direttament jew indirettament, għal ordnijiet jew għal istruzzjonijiet individwali min-naħa ta' dan il-poter fil-kuntest tal-adozzjoni ta' ordni ta' investigazzjoni Ewropea".

34. F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-Direttiva 2002/58/KE [8], fid-dawl tal-Artikoli 7, 8 u 11 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni, "(t)ipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tagħti kompetenza lill-prosekutur pubbliku, li l-kompitu tiegħu huwa li jmexxi l-investigazzjoni preliminari kriminali u li jeżerċita, jekk ikun il-każ, l-azzjoni pubblika matul proċedura sussegwenti, sabiex jawtorizza l-aċċess ta' awtorità pubblika għad-data dwar it-traffiku u għad-data ta' lokalizzazzjoni għall-finijiet ta' investigazzjoni kriminali".

35. Ir-raġunament tal-Qorti tal-Ġustizzja fuq dan il-punt huma, b'mod partikolari, is-segwenti:

– "Huwa essenzjali li l-aċċess mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għad-data miżmuma jkun suġġett għal kontroll minn qabel imwettaq jew minn qorti jew minn entità amministrattiva indipendenti, u li d-deċiżjoni ta' din il-qorti jew ta' din l-entità tingħata fuq talba motivata minn dawn l-awtoritajiet imressqa, b'mod partikolari, fil-kuntest ta' proċeduri ta' prevenzjoni, ta' skoperta jew ta' prosekuzzjoni kriminali" [9].

– "Dan il-kontroll minn qabel jeħtieġ fost l-oħrajn, kif irrileva, essenzjalment, l-Avukat Ġenerali fil-punt 105 tal-konklużjonijiet tiegħu, li l-qorti jew l-entità inkarigata li twettaq l-imsemmi kontroll minn qabel ikollha s-setgħat kollha u tippreżenta l-garanziji kollha neċessarji sabiex tiżgura konċiljazzjoni tal-interessi u tad-drittijiet differenti inkwistjoni. Fir-rigward b'mod iktar partikolari ta' investigazzjoni kriminali, tali kontroll jeżiġi li din il-qorti jew din l-entità tkun f'pożizzjoni li tiżgura bilanċ ġust bejn, minn naħa, l-interessi marbuta mal-bżonnijiet tal-investigazzjoni fil-kuntest tal-ġlieda kontra l-kriminalità u, min-naħa l-oħra, id-drittijiet fundamentali għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data personali tal-persuni li d-data tagħhom hija kkonċernata mill-aċċess" [10].

– "B'mod partikolari, fil-qasam kriminali, ir-rekwiżit ta' indipendenza jimplika, kif irrileva l-Avukat Ġenerali essenzjalment fil-punt 126 tal-konklużjonijiet tiegħu, li l-awtorità inkarigata minn dan il-kontroll minn qabel, minn naħa, ma tkunx involuta fit-tmexxija tal-investigazzjoni kriminali inkwistjoni u, min-naħa l-oħra, li jkollha pożizzjoni ta' newtralità fil-konfront tal-partijiet fil-proċedura kriminali" [11].

– "Dan ma huwiex il-każ ta' prosekutur pubbliku li jmexxi l-proċedura ta' investigazzjoni u li jeżerċita, jekk ikun il-każ, l-azzjoni pubblika. Fil-fatt, l-Uffiċċju tal-Prosekutur ma għandux il-kompitu li jiddeċiedi tilwima b'indipendenza sħiħa, iżda li jressaqha, jekk ikun il-każ, quddiem il-qorti kompetenti, bħala parti fil-kawża li teżerċita l-azzjoni kriminali" [12].

– "Il-fatt li l-Uffiċċju tal-Prosekutur huwa, skont ir-regoli li jirregolaw il-kompetenzi u l-istatut tiegħu, marbut li jivverifika l-provi inkriminanti u li jiskaġunaw, li jiggarantixxi l-legalità tal-investigazzjoni preliminari u li jaġixxi biss skont il-liġi u l-konvinzjoni tiegħu ma huwiex biżżejjed sabiex jagħtih l-istatus ta' terz fir-rigward tal-interessi inkwistjoni fis-sens deskritt fil-punt 52 ta' din is-sentenza" [13].

[8] Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 514), kif emendata bid-Direttiva 2009/136/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 (ĠU 2009, L 337, p. 11).

[9] Sentenza Prokuratuur, punt 51.

[10] *Ibidem*, punt 52.

[11] *Ibidem*, punt 54.

[12] *Ibidem*, punt 55.

[13] *Ibidem*, punt 56.

36. Il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-qosor, ma tirrikonoxxix lill-Uffiċċju tal-Prosekutur l-kwalità ta' terz imparzjali meta huwa jaqdi l-funzjonijiet ta' investigazzjoni kriminali, minn naħa, u l-eżerċizzju tal-azzjoni pubblika fi proċedura sussegwenti, min-naħa l-oħra. Għalhekk, ma jistax jingħata l-kompetenza li jawtorizza l-aċċess għad-data tat-traffiku u tal-lokalizzazzjoni miżmuma mill-fornituri tas-servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi.

37. L-interpretazzjoni tad-Direttiva 2014/41 ma tistax taħrab mill-influwenza tas-sentenza Prokuratuur.

38. Il-premessa 30 tad-Direttiva 2014/41 tirrikonoxxi n-natura intrużiva fuq il-ħajja privata tal-intervent tal-komunikazzjonijiet elettroniċi. Huwa preċiżament għal din ir-raġuni li diversi Stati Membri jissuġġettaw din il-miżura ta' investigazzjoni għall-awtorizzazzjoni minn qabel ta' mħallef jew ta' qorti, bl-esklużjoni ta' awtoritajiet oħra, fosthom l-Uffiċċju tal-Prosekutur.

39. Issa, kif ser nesponi f'iktar dettall, l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2014/41 jistabbilixxi li l-awtorità emittenti hija awtorizzata tagħti OEI biss meta l-miżura investigattiva meħtieġa minn din id-deċiżjoni setgħet tittieħed taħt l-istess kundizzjonijiet f'każ domestiku simili.

40. Ma' din il-kundizzjoni, issa għandha tiżdied dik li tirriżulta mis-sentenza Prokuratuur għall-każijiet fejn, b'mod kumulattiv: a) l-awtoritajiet emittenti ta' OEI huma parti minn Uffiċċju tal-Prosekutur li jissodisfa l-kundizzjoni doppja msemmija iktar 'il fuq (id-detentur tal-investigazzjoni u tal-eżerċizzju sussegwenti tal-azzjoni kriminali); u b) l-OEI tinkludi miżura ta' intervent tal-komunikazzjonijiet elettroniċi bl-intensità ta' dik analizzata f'din is-sentenza.

41. F'dawn il-każijiet, l-OEI ma tistax tinħareġ mill-Uffiċċju tal-Prosekutur, anki jekk il-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru tiegħu tippermettilu jadotta huwa stess, mingħajr stħarriġ ġudizzjarju minn qabel fis-sens strett, il-miżura ta' intervent tal-komunikazzjonijiet elettroniċi.

B. Evalwazzjoni

42. Il-qorti tar-rinviju titlob l-interpretazzjoni tat-terminu "kompetenza" li jintuża minn kull wieħed miż-żewġ inċiżi tal-Artikolu 2(c) tad-Direttiva 2014/41.

43. Dan il-punt jiddefinixxi l-"awtorità emittenti" ta' OEI minn angolu doppju:

– Fl-inċiż (i), il-kunċett jirreferi għal "imħallef, qorti, imħallef inkwirenti jew prosekutur pubbliku *kompetenti fil-każ ikkonċernat*" [14].

– Fl-inċiż (ii), il-kunċett huwa estiż, li jinkludi "kwalunkwe awtorità *kompetenti oħra kif definita mill-Istat emittenti* li, fil-każ speċifiku, qed taġixxi fil-kapaċità tagħha bħala awtorità ta' investigazzjoni fi proċedimenti kriminali *b'kompetenza li tordna l-ġbir ta' provi f'konformità mal-liġi nazzjonali*" [15].

44. Skont il-qorti tar-rinviju:

– Jekk il-kelma "kompetenza" tfisser l-istess fiż-żewġ inċiżi, id-Direttiva 2014/41 tagħti bis-sħiħ lid-dritt nazzjonali id-determinazzjoni tal-awtorità kompetenti sabiex toħroġ OEI.

[14] Enfasi miżjuda minni.

[15] Enfasi miżjuda minni.

– Abbażi ta' din l-interpretazzjoni fil-Bulgarija, il-punt 1 tal-Artikolu 5(1) taz-ZEZR ta lill-Uffiċċju tal-Prosekutur kompetenza ġenerika għall-ħruġ ta' OEI, indipendentement mill-għan tagħha.

– Peress li, skont id-dritt Bulgaru, huwa biss imħallef li jista' jordna l-kisba ta' ċerti provi fi proċeduri kriminali nazzjonali, iz-ZEZR tista' tikser il-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' ugwaljanza fit-trattament: f'ċerti każijiet purament interni, l-individwu jibbenefika mill-garanzija ta' intervent ġudizzjarju huwa pprojbit meta l-provi jinkisbu permezz ta' OEI.

45. Nista' naċċetta li, fil-prinċipju, il-kelma "kompetenza" għandha l-istess portata fiż-żewġ inċiżi tal-Artikolu 2(c) tad-Direttiva 2014/41. It-tnejn jikkonċernaw is-setgħa mogħtija lil awtorità li teżerċita, fi proċedimenti kriminali, is-setgħat li l-liġijiet jagħtuha.

46. Dak li jiddistingwi l-inċiżi (i) u (ii) tal-Artikolu 2(c) tad-Direttiva 2014/41 ma huwiex, fir-realtà (jew ma huwiex direttament), il-*kompetenza* fuq il-"każ [speċifiku] kkonċernat", iżda l-*awtorità* li teżerċitaha f'kull każ.

47. Fil-fatt, id-differenza vera bejn dawn l-inċiżi hija li kull wieħed jilqa' kategoriji ta' "awtoritajiet emittenti" li ma jaqblux bejniethom: minn naħa, l-awtoritajiet *ġudizzjarji* (inċiż (i)) u, min-naħa l-oħra, l-awtoritajiet *mhux ġudizzjarji* (inċiż (ii))[16], kollha *kompetenti* sabiex jeżerċitaw l-awtorità tagħhom fil-proċedimenti kriminali:

– L-inċiż (i) jindika bħala "awtorità emittenti" ta' OEI l-"awtoritajiet ġudizzjarji" li jaġixxu, fl-eżerċizzju tas-setgħat tagħhom, fil-kuntest ta' proċedimenti kriminali partikolari.

– L-inċiż (ii) jagħti l-kwalità ta' "awtorità emittenti" ta' OEI lil "kwalunkwe awtorità kompetenti oħra […] fil-każ speċifiku, qed taġixxi". Din l-awtorità l-*oħra* ma hijiex, evidentament, "ġudizzjarja" u l-OEI li tagħti tista' tiġi trażmessa lill-Istat ta' eżekuzzjoni biss ladarba tiġi vvalidata minn imħallef, qorti jew prosekutur.

48. L-"awtorità l-oħra" fl-inċiż (ii) għandha tkun awtorizzata mid-dritt intern sabiex taġixxi "fil-kapaċità tagħha bħala awtorità ta' investigazzjoni fi proċedimenti kriminali" u sabiex "tordna l-ġbir ta' provi". Jiġifieri, sabiex teżerċita fil-proċedimenti kriminali *kompetenzi* speċifiċi ta' ċerti awtoritajiet amministrattivi (bħal, pereżempju, il-pulizija) meta l-ordnijiet rispettivi tagħhom jipprevedu dan.

49. L-inċiżi (i) u (ii) tal-Artikolu 2(c) tad-Direttiva 2014/41 jużaw għalhekk il-kunċett ta' *kompetenza* f'sens unitarju (bħala sensiela ta' possibbiltajiet mogħtija lil istituzzjoni pubblika) sabiex, immedjatament, titfassal linja bejn il-*kompetenzi* tal-awtoritajiet differenti msemmija f'kull wieħed minn dawn il-punti. Skont dawn il-kompetenzi tal-aħħar, il-ħruġ ta' OEI huwa suġġett għal kundizzjonijiet differenti.

50. Ma hemmx dubju li prosekutur *kompetenti* fi proċedimenti kriminali partikolari jista' jkun l-"awtorità emittenti" ta' kwalunkwe OEI fis-sens tal-Artikolu 2(c)(i) tad-Direttiva 2014/41.

[16] Bħall-konklużjonijiet tal-kawża Staatsanwaltschaft Wien (ordnijiet ta' trasferiment iffalsifikati) (C-584/19, EU:C:2020:587); iktar 'il quddiem il-"konklużjonijiet Staatsanwaltschaft", punt 32 (nota ta' qiegħ il-paġna 16), użaw il-kwalifikattivi "ġudizzjarji" u "mhux ġudizzjarji" għal raġunijiet ta' simplifikazzjoni, peress li jissodisfaw in-natura tal-istituzzjonijiet li jaqgħu taħt waħda jew l-oħra.

51. Bl-istess mod, u skont l-istess Artikolu 2(c)(ii), tista' tkun ukoll "awtorità emittenti" awtorità mhux ġudizzjarja, li lilha, kif diġà fakkart, id-dritt intern jassenja funzjonijiet ta' investigazzjoni fi proċedimenti kriminali jew jirrikonoxxilha s-setgħa li tordna l-ġbir tal-provi.

52. Issa, is-sempliċi kwalità ta' "awtorità emittenti" ma hijiex biżżejjed sabiex il-korpi li jkollhom din il-kwalità jkunu jistgħu joħorġu OEI partikolari u jittrażmettuha lill-Istat ta' eżekuzzjoni. Għal darba oħra, għandha ssir distinzjoni bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji u l-awtoritajiet mhux ġudizzjarji msemmija fl-Artikolu 2(c) tad-Direttiva 2014/41.

53. Kif esponejt f'okkażjoni oħra [17], "wara li ta lill-Istati Membri s-setgħa li jaħtru l-awtoritajiet kompetenti sabiex jinvestigaw fil-kuntest ta' proċedura kriminali u sabiex jordnaw il-ksib ta' provi, l-Artikolu 2(c)(ii) tad-Direttiva 2014/41 ma jagħtix lill-awtoritajiet hekk maħtura funzjoni oħra għajr dik li jagħtu l-kunsens tagħhom għall-ħruġ ta' OIE li, 'qabel ma [t]intbagħat lill-awtorità ta' eżekuzzjoni, [..] [għandha tiġi vvalidata]'. U għandha tiġi vvalidata, b'mod partikolari, minn qorti, imħallef jew prosekutur" [18].

54. Fi kliem ieħor, id-dritt intern jista' jagħti lil awtorità mhux ġudizzjarja awtorizzata tordna l-kisba ta' provi l-kwalità ġenerika ta' "awtorità emittenti" ta' OEI. Madankollu, l-OEI li hija toħroġ tista' tiġi trażmessa lill-Istat Membru ta' eżekuzzjoni biss wara validazzjoni minn awtorità ġudizzjarja.

55. Fil-każ ta' awtorità ġudizzjarja — kemm jekk tkun imħallef jew prosekutur —, id-Direttiva 2014/41 ma timponix il-*validazzjoni* minn terz tal-qbil ta' ħruġ ta' kull OEI partikolari, iżda tissuġġetta lil din tal-aħħar għal żewġ kundizzjonijiet li l-qorti jew il-prosekutur pubbliku li jkollu l-intenzjoni li jagħtiha huma obbligati li jivverifikaw l-osservanza tagħha.

56. Fil-fatt, l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2014/41, intitolat "Kondizzjonijiet għall-emissjoni u t-trażmissjoni ta' OIE", jipprevedi li l-awtorità emittenti tista' taqbel mal-għoti ta' OEI biss jekk dawn iż-żewġ kundizzjonijiet ikunu ssodisfatti:

– Fl-ewwel lok, li tkun "neċessarja u proporzjonata" [19], minbarra li tieħu inkunsiderazzjoni d-drittijiet tal-persuna ssuspettata jew akkużata (Artikolu 6(1)(a)).

– Fit-tieni lok, li l-għan tagħha jkun miżura li tista' "[tiġi ordnata] taħt l-istess kondizzjonijiet f'każ domestiku simili" (Artikolu 6(1)(b)).

57. Hija din it-tieni kundizzjoni li tinteressana b'mod partikolari. Id-Direttiva 2014/41 tistabbilixxi ċertu *paralleliżmu* billi tissuġġetta l-ħruġ ta' OEI għall-kundizzjonijiet previsti mid-dritt intern għall-adozzjoni ta' miżura ekwivalenti.

58. Dawn il-kundizzjonijiet huma relatati, fil-fehma tiegħi, mar-regoli ta' evalwazzjoni tal-opportunità u dawk ta' konfigurazzjoni tal-proċedura, kif previsti mid-dritt nazzjonali, iżda wkoll, u b'mod partikolari, taħt il-*kompetenza* mogħtija minn dan id-dritt sabiex jadotta, fuq livell intern, miżura ekwivalenti għal dik li huwa għandu l-intenzjoni jimplimenta permezz tal-OEI.

[17] Konklużjonijiet fil-kawża Finanzamt für Steuerstrafsachen und Steuerfahndung (C-66/20, EU:C:2021:200).

[18] *Loc. cit.*, punt 75. Enfasi miżjuda minni.

[19] Il-"ħtieġa" u l-"proporzjonalità" għandhom jiġu vvalutati fir-rigward tal-għanijiet tal-proċeduri msemmija fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2014/41 innifisha. Dawn jinkludu "il-proċedimenti kriminali istitwiti minn, jew li jistgħu jiġu istitwi quddiem, awtorità ġudizzjarja fir-rigward ta' reat kriminali taħt il-liġi tal-Istat emittenti" (l-imsemmi Artikolu 4(a)).

59. Jekk, fost il-kundizzjonijiet meħtieġa f'każ domestiku simili, id-dritt tal-Istat emittenti jipprovdi li jiddikjara li mħallef jew qorti biss għandhom ikollhom il-kompetenza sabiex jadottaw miżura investigattiva partikolari, din tal-aħħar tista' tkun is-suġġett ta' OEI biss jekk din tingħata minn qorti [20].

60. F'dan is-sens, l-Artikolu 6(1)(b) tad-Direttiva 2014/41 jiddefinixxi l-portata tal-"kompetenza" li jirreferi għaliha l-Artikolu 2(c)(i) tal-istess direttiva.

61. Minn dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet flimkien jirriżulta li l-awtorità ġudizzjarja (imħallef jew prosekutur) "kompetenti fil-każ ikkonċernat", li tagħmel użu mill-Artikolu 2(c)(i) tad-Direttiva 2014/41, għandha s-setgħa abbażi tad-dritt intern li tordna, f'kawża purament interna, l-istess miżura li hija s-suġġett tal-OEI li l-ħruġ tagħha huwa inkwistjoni.

62. Fi kliem ieħor, il-kompetenza sabiex tinħareġ OEI tikkorrispondi eżattament għall-konvenuta sabiex tadotta, skont id-dritt intern, ordni ta' kontenut u ta' portata simili fil-proċedura strettament domestika.

63. Il-"kompetenza" tal-Artikolu 2(c)(i) tad-Direttiva 2014/41 hija għalhekk maqsuma fi: a) il-kompetenza sabiex jintervjenu fi proċedimenti kriminali, minn naħa; u b) il-kompetenza sabiex tiġi adottata miżura speċifika fl-imsemmija proċedura, min-naħa l-oħra.

64. Minkejja li s-sistema ta' mandati ta' arrest Ewropew (iktar 'il quddiem il-"MAE") [21] u dik tal-OEI huma differenti, dan it-tieni strument lanqas ma jippermetti lill-Uffiċċju tal-Prosekutur iwettaq, fuq il-livell transkonfinali, dak li huwa pprojbit lilu fuq dak nazzjonali [22].

65. F'dan il-każ, l-OEI maħruġa mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Bulgaru jikkonċernaw l-adozzjoni ta' miżuri li, f'ipoteżi purament interna, id-dritt nazzjonali jawtorizza biss imħallef jew qorti. B'mod partikolari, kif diġà ġie espost, dawn kienu erba' OEI dwar it-trażmissjoni ta' data dwar it-traffiku u l-lokalizzazzjoni ta' ċerti komunikazzjonijiet elettroniċi.

66. Il-leġiżlazzjoni Bulgara li, f'din iċ-ċirkustanza, tirriżerva lil imħallef (u mhux lill-Uffiċċju tal-Prosekutur) id-deċiżjoni li jitlob lil operatur tat-telefonija għal aċċess għad-data dwar it-traffiku u dwar il-lokalizzazzjoni tal-komunikazzjonijiet elettroniċi taqbel perfettament mad-dritt tal-Unjoni.

67. Rigward il-funzjonijiet tal-Uffiċċju tal-Prosekutur f'dak li jirrigwarda din il-miżura investigattiva speċifika, is-sentenza Prokuratuur tikkorrabora, jekk ikun il-każ, l-adegwatezza ta' din il-leġiżlazzjoni.

[20] Barra minn hekk, il-premessa 30 tad-Direttiva 2014/41 tammetti li, mill-perspettiva tal-Istat ta' eżekuzzjoni, l-intervent ta' komunikazzjonijiet elettroniċi għandu jiġi kklassifikat, "skont it-termini tal-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni, bħala miżura investigattiva koerċitiva".

[21] Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 34, rettifika fil-ĠU 2009, L 17, p. 45), kif emendata bid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI tas-26 ta' Frar 2009 (ĠU 2009, L 81, p. 24).

[22] Jiena ttrattajt id-differenzi bejn is-sistema legali tal-MAE u dik tal-OEI fil-konklużjonijiet Staatsanwaltschaft (punti 46 sa 65). Jiena sostnejt li l-Uffiċċju tal-Prosekutur ma jistax "jirratifika (bħala prerekwiżit għall-adozzjoni ta' MAE) arrest tal-pulizija li l-kundizzjonijiet u l-effetti tiegħu marru lil hinn minn dawk tal-arresti li huwa stess jista' jiddeċiedi" (konklużjonijiet fil-kawżi OG (Prosekutur ta' Lübeck) u PI (Prosekutur ta' Zwickau) (C-508/18 u C-82/19 PPU, EU:C:2019:337, punt 54)). Ikun paradossali, fil-fatt, "li kieku ma jistax jagħmel l-inqas (joħroġ mandat ta' arrest nazzjonali għal perijodu qasir ta' żmien) filwaqt li jista' jagħmel l-iktar (joħroġ mandat ta' arrest Ewropew li jista' jwassal għal terminu ta' detenzjoni ħafna itwal)" (*loc. cit.*, punt 76). Il-paradoss ma jkunx minuri, fil-fehma tiegħi, jekk l-Uffiċċju tal-Prosekutur ikun jista' jitlob *minnu nnifsu* fi Stat Membru ieħor il-kisba ta' prova li għaliha l-awtorizzazzjoni ta' qorti tkun neċessarja fl-Istat tiegħu stess.

68. Fil-qosor, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Bulgaru ma jistax joħroġ u jittrażmetti OEI fi Stat Membru ieħor sabiex jikseb prova li, kieku kellha titwettaq fil-Bulgarija, tista' tinħareġ biss minn qorti. Dan l-Uffiċċju tal-Prosekutur huwa nieqes mill-"kompetenza" li, skont l-Artikolu 2(c)(i) tad-Direttiva 2014/41, moqri flimkien mal-Artikolu 6(1)(b) tagħha, jikkostitwixxi l-kundizzjoni tar-rikonoxximent tiegħu bħala "awtorità emittenti" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

VI. Konklużjoni

69. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li tingħata risposta għall-ewwel domanda preliminari tal-iSpetsializiran nakazatelen sad (il-Qorti Kriminali Speċjalizzata, il-Bulgarija) kif ġej:

"L-Artikolu 2(c)(i), flimkien mal-Artikolu 6(1)(b) tad-Direttiva 2014/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropew f'materji kriminali, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-Uffiċċju tal-Prosekutur ta' Stat Membru ma jistax joħroġ ordni ta' investigazzjoni Ewropea sabiex jikseb id-data dwar it-traffiku u l-lokalizzazzjoni ta' komunikazzjonijiet elettroniċi meta, skont id-dritt intern ta' dan l-Istat Membru, f'każ domestiku simili, huwa mħallef jew qorti li għandha il-kompetenza esklużiva sabiex tordna it-teħid ta' din il-prova".